UFFIĊĊJU TAL-KATEKEŻI – DJOĊESI TA' GĦAWDEX

*sena pastorali 2017-2018*

# RIFLESSJONIJIET GĦAL ŻMIEN L-AVVENT

## ISPIRATI MILL-PATRIJARKI U MILL-PROFETI TAL-ANTIK TESTMENT

RADD IL-ĦAJR SPEĊJALI

LIL MONS. ANTON MIZZI U FR. CHARLES BUTTIGIEG

## Werrej


**Mosè** ........................................................................................ **2**

**David** ........................................................................................ **4**

**Salamun** ........................................................................................ **6**

**Profeti tal-Inkarnazzjoni** ........................................................................ **8**

**Mikea** ........................................................................................ **10**

**Ġeremija** ........................................................................................ **13**

**Ħosegħa** ........................................................................................ **17**

**Isaija** ........................................................................................ **21**

**MOSÈ**

***Fr Charles Buttigieg***

M'hemmx dubju li l-figura ta' Mosè, iben il-Levita Amran u Ġokebed, tant importanti fl-istorja u n-nisġa tal-poplu Lhudi u dik tas-salvazzjoni tħabbar minn qabel il-miġja tal-Messija. U għalhekk il-figura ta' Mosè hija waħda ta' eċċellenza kbira għal dan iż-żmien tal-Avvent, żmien ta' stennija u ta' preparazzjoni. Il-ħajja ta' Mosè salvat mill-għarqa, it-trobbija tiegħu fil-palazz tal-Faragħun, il-ħarba tiegħu fid-deżert, is-sejħa tiegħu fil-Ħoreb, il-limitazzjonijiet ta' Mosè u l-ġrajja tal-ewwel għid Lhudi u tal-eżodu hija l-ġrajja tagħna wkoll fil-ħajja spiritwali tagħna. Żmien l-avvent għalhekk huwa ukoll żmien ta' purifikazzjoni fid-deżert bħalma hu r-Randan. Fil-fatt il-Knisja Ortodossa għandha wkoll preparazzjoni penitenzjali għall-Milied li jibda mill-15 ta' Novembru, 40 jum qabel.

Fil-fatt, fil-ktieb tal-Eżodu naraw it-tbatija tal-Lhud fl-Eġittu taħt il-Faragħun Ramses II u l-eżodu (il-ħruġ) tagħhom permezz ta' Mosè mill-Eġittu. L-isem Mosè jfisser 'salvat mill-ilma'. Huwa kien salvat mit-tifla 'Merris' tal-Faragħun. Is-sejħa ta' Mosè tilħaq il-qofol tagħha fir-rivelazzjoni tal-isem ta' Alla lil Mosè "Jien li jien" (3:14). Permezz tal-id ta' Alla, huwa joħroġ lill-Poplu Lhudi mill-jasar tal-Eġittu u jmexxih fid-deżert tas-Sinaj fejn naraw il-manna u t-tjur, l-ilma mill-blata u, fuq kollox, l-għoti tal-għaxar Kmandamenti fuq il-Muntanja Sinaj: "Issa, jekk tisimgħu leħni u żżommu l-patt tiegħi, intom tkunu l-wirt tiegħi minn fost il-popli kollha" (Eżodu 19:5). Niltaqgħu wkoll mal-infedeltà tal-poplu fl-għoġol tad-deheb u t-tluq mis-Sinaj għal mixja ta' purifikazzjoni ta' erbgħin sena fid-deżert (mis-Sinaj sa Ġeriko) fejn naraw l-ewwel organizzazzjoni tal-ewwel liturġija nomada fid-deżert bil-preżenza tat-tinda tal-laqgħa.

L-Avvent jirrifletti din il-ħajja u l-missjoni li kellu Mosè. L-Avvent huwa żmien ta' salvazzjoni mill-mewt u mill-għarqa. L-Avvent huwa żmien meta jien ikolli naħrab lejn id-deżert biex niltaqa' ma' Alla fl-esperjenza tal-'Ħoreb' tiegħi. L-Avvent huwa żmien li jagħtini kuraġġ sabiex negħleb it-'temtim' ta' ħajti u nwieġeb għas-sejħa ta' Alla. Huwa żmien meta jien nista' noħroġ fl-eżodu mid-dnub u l-jasar tal-'Eġittu' tiegħi. L-Avvent huwa żmien meta Alla jagħtina l-għaxar doni tal-Kelma tiegħu, l-ikel

tal-manna tal-Ewkaristija, ir-rebħa fuq l-għadu tiegħu tad-dnub u l-qawwa fil-blata tal-ilma tal-fidi: "Jekk Alla huwa magħna min jista' jkun kontra tagħna'' (Rum 8:31). Aħna wkoll, bħal Mosè, ġejna salvati permezz tal-ilma tal-Magħmudija filwaqt li Alla jkompli jsejħilna permezz tal-Knisja, is-siġra taqbad bla ma tinħaraq, l-għaxar Kmandamenti, kif ukoll fil-mixja tal-purifikazzjoni lejn l-art imwiegħda fl-Avvent proprju fejn qegħdin nistennew it-Tieni Miġja ta' Ġesù fil-glorja: "Mela kunu lesti intom ukoll, għax qatt ma tistgħu tobsru s-siegħa li fiha jiġi Bin il-Bniedem" (Mt 24:44).

## DAVID

*Fr Charles Buttigieg*

F'dan iż-żmien ta' preparazzjoni għall-Festa tat-Twelid tal-Messija nistgħu nkomplu nħarsu ftit lejn figuri u personaġġi bibbliċi li ħejjew it-triq għall-Messija. Illum ser nitkellmu dwar is-Sultan David li tant jissemma fis-salmi li nitolbu f'dan iż-żmien.

Huwa proprju mill-familja ta' Rut l-Mowabita u Boaz l-Betlemita li tnissel is-Sultan David (l-isem ifisser 'glorja') li kien bin Ġesse (Isaj), bin Obed it-tifel ta' Rut u għalhekk Rut kienet il-bużnanna ta' David. Il-Profeta Samwel ikkonsagra lir-ragħaj David, sultan f'Betlehem. Huwa ntgħażel minn Samwel minn fost ħutu l-oħra li kienu sebgħa u ikbar minnu. L-isem ta' David jissemma 800 darba fl-Antik Testment u 60 darba fil-Ġdid Testment. Għalhekk, mela, David isir sultan ġewwa Betlehem (id-dar tal-ħobż) fejn imbagħad, elf sena wara, kellu jitwieled Kristu r-Re tar-rejiet. Tajjeb li aħna lkoll, fil-fond ta' qalbna f'dan iż-żmien tal-Avvent, inħossu din il-ħeġġa li għandna għas-Sultan veru tagħna fil-qrib, lill-Emmanu-El, Alla magħna. Iż-żgħażugħ ragħaj David iħabbar minn qabel il-faqar tat-twelid tal-Messija li ġie fid-dinja bħala veru sultan, ragħaj u qaddej tagħna: "Bħalma r-ragħaj jaħseb fil-merħla tiegħu, hekk naħseb jien fin-nagħaġ tiegħi" (Eżekjel 34:12); u "Jien hu r-Ragħaj it-tajjeb, ir-ragħaj it-tajjeb jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu" (Ġwanni 10:11).

Naraw li David kien idoqq l-arpa u jkanta l-għanjiet, filwaqt lil Sawl kien jgħir għalih u ried darba joqtlu b'lanza. Filfatt David hu l-aktar personaġġ bibbliku marbut mal-mużika. David, li kiteb diversi salmi, huwa meqjus fil-Bibbja bħala mużiċista mill-aqwa. Kienet drawwa taż-żgħażagħ rgħajja li jdoqqu il-flawt magħmul mill-qasab waqt li kienu jirgħu n-nagħaġ. David kien magħruf ukoll li kien kapaċi jdoqq l-arpa u r-Re Sawl kien joqgħod ħafna jisimgħu sabiex jikkonsla fid-dwejjaq tiegħu (ara 1 Samwel 16:18). F'2 Samwel 3:3 naraw lil David isib kenn ġewwa Gexur biex jaħrab mill-mibegħda ta' Sawl u jiżżewweġ lil Makah, it-tifla ta' Talmaj, bin Ammihud, ir-Re ta' Gexur, u kellhom lil Absalom. Dan l-episodju jista' jirrifletti wkoll is-sitwazzjoni tagħna li minkejja ħafna tfixkil, il-ħażen, id-dnub, is-sekulariżmu tas-

soċjetà moderna, għandna nużaw dan iż-żmien ta' preparazzjoni bit-talb u t-tifhir lil Alla permezz, tat-talb personali, tas-salmi u tal-liturġija: "Għollu bit-tifhir lill-Mulej, Alla tagħna, inxteħtu quddiem mirfes riġlejh, għax hu qaddis!" (Salm 99:5). Ir-rebħa ta' David fuq Gulija tal-Filistej b'ħames ċaqgħiet fil-wied ta' Elah ftit 'il bogħod minn Ġerusalemm hija pre-figura tal-rebħa tal-Messija permezz tal-ħames pjagi tiegħu fuq l-għuda tas-salib.

F'2 Samwel kapiltu 5 naraw lis-Sultan David jokkupa l-għolja ta' Ofel tal-Ġebusin f'Ġerusalemm wara li kien għal seba' snin ġewwa Ħebron u għalhekk isir sultan ukoll f'Ġerusalemm. Naraw fuq kollox il-wegħda li Alla jagħmel lil David meta l-Profeta Natan iħabbar li  ibnu Salamun jibni t-tempju, id-dar ta' Alla, u mhux huwa, minhabba li kien dineb: "Is-Sultan David qam fuq riglejh u qal: 'isimgħu, intom huti u l-poplu tiegħi! Jien kont bi ħsiebni nibni dar għall-mistrieh tal-arka tal-patt tal-Mulej u l-mirfes ta' riglejn Alla tagħna, u kont lestejt kollox għall-bini" (1 Kronaki 28:2). Anke hawnhekk għandna naraw li għandna nwarrbu d-dnub u għalhekk f'dan iż-żmien ta' stennija nħejju l-qalb tagħna bħala d-dar tal-Mulej, għaliex aħna tassew tempju ħaj tal-Ispirtu s-Santu.

Dan kien il-ħsieb tal-istennija tal-Poplu Lhudi tal-Antik Testment għall-miġja tal-Messija, jigifieri dan l-ispirtu tal-'Ewwel Avvent' kif naraw tajjeb fil-bidu tal-Ittra ta' San Pawl lir-Rumani, fejn naraw il-ħsieb tiegħu dwar Kristu li Hu bin is-Sultan David bħala bniedem, u wkoll Bin Alla. Għalhekk huwa jħeġġeġ din il-fidi f'Ġesù Kristu li hija importanti għas-salvazzjoni: « Dan hu l-Evanġelju li Alla kien wiegħed permezz tal-profeti fil-Kotba Mqaddsa dwar Ibnu Ġesù Kristu Sidna li, skont it-tnissil tal-ġisem, twieled min-nisel ta' David, u skont l-Ispirtu s-Santu, kostitwit bħala l-Iben ta' Alla b'kull qawwa permezz tal-qawmien mill-imwiet.''(Rum 1:2-4). L-istennija ta' Jum il-Mulej (bl-Ebrajk: yom YHWH) hija punt ċentrali fit-tagħlim profetiku tal-Antik Testment fl-istennija tal-Messija (li jfisser il-Midluk, bil-Grieg: Christos), li kellu jsalva lill-poplu ta' Alla bħalma għamel s-Sultan David. Din il-wegħda li Alla għamel ma' Iżrael seħħet tassew fi Kristu l-Messija «Meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-Liġi» (Galatin 4 :4).

## SALAMUN

***Fr Charles Buttigieg***

Żmien l-Avvent mhuwiex biss żmien ta' stennija u preparazzjoni imma huwa fuq kollox żmien ta' riflessjoni, purifikazzjoni, ta' għerf u ta' biża' ta' Alla. Id-don tal-għerf veru, dak ta' Alla, nistgħu narawh fil-Bibbja fl-Antik Testment permezz tal-figura tar-Re Salamun. Fil-fatt l-isem ta' Salamun ifisser paċi u armonija, mill-Ebrajk 'shalom'. Huwa kien t-tifel iż-żgħir ta' Batseba u David u kien sultan għaref (970-933 q.k.). Proprju aħna wkoll mistednin sabiex, permezz tad-don tal-għerf, nitħeġġu f'dan iż-żmien tal-Avvent għall-iktar paċi u sliem fostna, fil-familjii tagħna u fuq kollox fid-dinja kollha. "U jien dan nitlob: li l-imħabba tagħkom tikber u toktor dejjem iżjed bil-għerf u b'kull dehen, biex tistgħu tagħrfu tagħżlu l-aħjar, u mbagħad tkunu safja u bla ebda ħtija fil-jum ta' Kristu" (Filippin 1:9-10). Għalhekk f'dan iż-żmien ningħaqdu ukoll ma' dan Salamun li, fil-konsagrazzjoni tiegħu, talab lil Alla d-don tal-għerf, biex aħna wkoll nużawh għall-gid tagħna f'dan iż-żmien ta' grazzja. Fuq kollox, l-għerf ta' Salamun iħabbar it-twelid tal-Kelma ta' Alla li saret laħam għalina: "għax huwa kollox jaf u kollox jifhem, f'kull ma nagħmel imexxini bil-għaqal, u bil-glorja tiegħu jħarisni" (Għerf 9:11). Il-Ktieb tal-Għerf fil-Bibbja huwa attribwit lil Salamun għaliex hu kien magħruf għall-għerf tiegħu fil-ħakma tiegħu, kif naraw fil-ġudizzju taż-żewġ ommijiet (ara 1 Slat 3:16-28): "Mulej, ibgħat l-għerf mis-smewwiet imqaddsa, ibagħtu mit-tron glorjuż tiegħek, biex jieqaf miegħi fit-tħabrik tiegħi, ħa nkun naf sewwa x'inhu li jogħġob lilek" (Għerf 9:10). Fil-fatt, l-isem tal-ktieb fil-manuskritti Griegi huwa ta' 'sophia Salomonos'.

Imżejjen b'dan l-għerf, Salamun kellu ħafna ġid fis-saltna tiegħu. Salamun, bħala re tas-saltna, kien jirċievi 666 talent kull sena, li jiġu madwar 21 tunnellata ta' deheb, kif ukoll 120 talent minn Tir, 120 talent minn Saba u 420 talent minn Ofir (ara 1 Re 10:14). F'1 Slat 9:26 ir-Re Salamun jibni l-flotta tiegħu permezz tal-qaddejja tar-Re Ħiram ġewwa Eżion-Geber fl-Edom fil-Golf ta' Akabah. F'1 Slat 10:1-10 għandna ż-żjara tar-regina ta' Sheba (fl-Etjopja) lil Salamun biex tara proprju l-għerf tiegħu, li skont Josephus kien jisimha Nikaule, skont l-Islam, Billqis, u skont l-Etjopiċi,

Makeda. Iżda meta Salamun tbiegħed minn Alla, tilef ukoll dan l-għerf u din tista' tkun ukoll t-traġedja tagħna llum meta nwarrbu minna lil Alla u b'hekk l-għerf tagħna ma jibqax l-għerf ta' Alla imma dak tal-bnedmin li xi kultant iwassal għall-ikbar injoranza! Filfatt, Salamun waqa' wkoll fl-idolatrija u fil-ħarem tiegħu kellu 1000 mara (ara 1 Slaten 11:1-8). Naraw il-qasma tas-saltna wara Salamun fis-sena 931 Q.K. fejn it-tfal tiegħu Ġerobogħam ħa s-saltna ta' Israel, dik ta' fuq, waqt li Reħobogħam ħa dik ta' Ġuda, dik t'isfel.

Salamun bena t-tempju ta' Ġerusalemm fejn kellha tinżamm tal-arka tal-patt fil-post mistur, l-iktar għażiż tal-Lhud.  Fil-konsagrazzjoni tat-tempju ta' Salamun f'1 Re 8:63 ġew issagrifikati 22,000 barri u 120,000 nagħġa. Festa tassew kbira u ġrajja tassew kbira. Hekk ukoll aħna għandna nitħeġġu f'dan l-Avvent għaliex issa għandna fostna lil Kristu, l-Għerf Divin innifsu, il-Verb Divin u t-Tempju tassew qaddis.

## IL-PROFETI TAL-INKARNAZZJONI

***Mons. Anton Mizzi***

L-inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla hija rivelazzjoni importanti fiċ-ċentru tal-pjan sħiħ ta' ħafna żmien, b'eku qawwi fil-kitbiet tat-Testment l-Antik u tat-Testment il-Ġdid. Hija rivelazzjoni tas-salvazzjoni fil-pjan ta' Alla. "Alla fl-imgħoddi kellem lil missirijietna ħafna drabi u b'ħafna manjieri permezz tal-profeti. Issa dan l-aħħar żmien, huwa kellimna permezz ta' Ibnu" (Lh 1:1-2). Dan seħħ għaliex, fil-milja taż-żmien, "Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-Liġi" (Gal 4:4). L-inkarnazzjoni għamlet possibli mhux biss il-laqgħa bejn Alla u l-bniedem, imma li saħansitra Alla jkun preżenti fost il-bnedmin. Din il-preżenza, ma kinitx limitata biss għall-qawwa ta' Alla fost il-poplu bħal meta kien miexi fid-deżert lejn l-art imwegħda, imma f'termini reminixxenti tal-istess ġrajja tal-Eżodu, Alla nnifsu jwaqqaf it-tinda tiegħu biex jgħix fostna. "U l-Verb sar bniedem u għammar fostna" (Ġw 1:14).

Il-ġrajjiet li seħħew fl-ewwel Milied, elfejn sena ilu ġewwa Bethelem, ma kinux kumbinazzjoni jew aċċidentali, imma kienu mħabbra fl-Iskrittura, kif imfissra permezz ta' ġrajjiet, simboli u fil-kelmiet tal-profeti. Għalhekk dawn il-ġrajjiet marbuta mat-twelid ta' Ġesù jiksbu tifsira aktar profonda fid-dawl ta' dak li ġie mħabbar fl-Antik Testment, filwaqt li l-profeziji bibliċi jsibu t-twettiq tagħhom fil-miġja ta' Ġesù Kristu. Hemm ħafna profeziji li għandhom x'jaqsmu mal-persuna, il-ħajja u l-opra salvifika ta' Ġesù. Hawn però ser nillimitaw għall-profeziji li nsibu f'dawk il-profeti li jħarsu lejn il-ġrajjiet tat-twelid ta' Ġesù.

Il-liturġija ta' żmien l-Avvent, bi tħejjija għall-festa tal-Milied, issemmgħalna l-profeziji mħabbra mijiet ta' snin qabel il-miġja ta' Ġesù fostna. Hawn jissemmew diversi profeti tal-Antik Testment. Anke t-tradizzjoni Biżantina tagħmel tħejjija b'mod diskret u umli għall-Milied bi żmien ta' sawm li jibda f'nofs Novembru u permezz tal-liturġija tagħha tipprepara l-umiljazzjoni (***kenosis***) tal-Verb Divin. Matul dan iż-żmien, il-liturġija Biżantina tagħmel diversi ċelebrazzjonijiet ta' qaddisin kbar bħala

xhieda tal-misteru tal-Inkarnazzjoni. Hija tiċċelebra wkoll ġranet ta' festi biex tfakkar dawk il-profeti li jħabbru l-inkarnazzjoni ta' Ġesù Kristu. Hekk il-Profeta Obadija fid-19 ta' Novembru, imbagħad ħames profeti oħra f'Diċembru: Naħum fl-1 ta' Diċembru, Ħabakkuk fit-2 ta' Diċembru, Sofonija fit-3 ta' Diċembru, Ħaggaj fis-16 ta' Diċembru. Dawn il-profeti kollha jippritkaw l-indiema u l-miġja glorjuża tal-Messija. Fis-17 ta' Diċembru jiġi mfakkar Daniel, il-profeta li ħabbar saltna li qatt ma tinqered, flimkien mat-tliet żgħażagħ qaddisa, Ħananija, Misael u Għażarija li baqgħu bla mittiefsa mill-qilla tan-nar.

Il-liturġija Latina, li niċċelebraw aħna, tagħti ħafna importanza matul l-Avvent lill-profeti li ħabbru l-miġja tal-Messija, ewlieni fosthom il-Profeta Isaija. Mal-ġrajja ta' Ġesù tarbija, jissemmew ukoll profeti oħrajn li jidħlu fix-xena tat-twelid u t-tfulija tiegħu : il-Profeti Mikea, Ġeremija u Hosegħa. Hawnhekk se nieħdu dawn il-profeti li jidħlu fil-Vanġelu tal-infanzja, partikularment ta' Mattew, naraw min kienu fil-kuntest tad-dinja ta' żmienhom, x'ħabbru dwar il-ġrajja ta' Ġesù tarbija u kif kienet interpretata mill-Evanġelista.

## IL-PROFETA MIKEA

*Mons. Anton Mizzi*

Il-Profeta Mikea huwa wieħed mit-tnax-il profeta minuri (mhux għax huma anqas fl-importanza bħala profeti, imma minħabba li l-kitbiet tagħhom huma qosra) li nsibu fil-Bibbja. L-isem Mikea huwa l-forma mqassra ta' 'mikayahu' li jfisser "min hu bħal Yahweh". Skont Mik 1:1, il-profeta kien ġej minn Moreset li tista' tkun l-istess belt imsemmija f'Mik 1:14 bħala Moreset-gat, belt żgħira fil-Lbiċ ta' Ġerusalemm, madwar 25 mil 'il bogħod minnha. Kif jgħid f'Mik 1:1, il-profeta kien jgħix fi żmien Ġotam (750-732/35), Aħaż (735-713/16) u Ħeżekija (716-687) ilkoll slaten tas-saltna ta' Ġuda. L-unika referenza esterna għal Mikea nsibuha f'Ġer 26:18 (ara Mik 1:1; 3:12) li tgħid li l-profeta kien iħabbar fi żmien il-ħakma ta' Ħeżekija. Indikazzjonijiet oħra fil-ktieb ta' Mikea jidhru li jsostnu dan iż-żmien ta' Ħeżekija lejn tmiem is-seklu tmienja Q.K. meta l-profeta telaq minn Moreset biex iwassal il-kelma ta' Alla f'Ġerusalemm.

Il-Profeta Mikea beda l-ħidma tiegħu xi snin qabel il-waqgħa tas-Samarija (722 B.C.) fi klima ta' mewġa ta' espansjoniżmu tal-Assirja (Mik 1:13-16). Hu kien kontemporanju tal-Profeta Isaija, it-tnejn kienu jwettqu l-ħidma tagħhom fis-saltna t'isfel, ta' Ġuda. Huma juru xebh fil-ħsieb tagħhom, imma ż-żewġ profeti kellhom semmiegħa differenti u kienu indipendenti. It-tnejn kienu kommessi lejn il-patt ta' Yahweh u l-istmerrija lejn id-dnub tant prevalenti fi żmienhom. Jekk Isaija jirrifletti l-ambjent tal-ħajja urbana f'Ġerusalemm b'kuntatt personali mas-slaten u l-mexxejja tagħha, Mikea min-naħa l-oħra jsib lilu nnifsu bħala profeta fl-ambjent rurali, jitkellem fl-irħula u l-ibliet iż-żgħar qrib it-territorju tal-Filistej, fuq in-naħa tal-Punent. Pajjiżu kien aktar medhi dwar it-temp u ċ-ċiklu annwali fl-agrikultura, milli ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-istat. Billi kien bniedem tal-kampanja, bħall-profeta Amos li ħadem qablu fis-saltna ta' fuq ta' Iżrael għalkemm hu stess kien ġej mis-saltna ta' isfel ta' Ġuda, ma naqasx li jiddefendi, minħabba l-inġustizzja, lill-popolazzjoni rurali kontra l-klassi għolja ta' Ġerusalemm f'termini karatteristiċi għalih (ara Mik 2:4). Mikea kellu kliem iebes u kuraġġjuż kontra s-sidien tal-art li

kienu jieħdu vantaġġ mill-fqar. Minħabba r-regħba tagħhom dawn is-sidien kienu jagħmlu minn kollox biex jieħdu l-art f'idejhom ħalli jkollhom il-monopolju tal-proprjetà tal-art (Mik 3:2-3). Il-messaġġ tiegħu, mingħajr kompromessi, kien li l-profeta, filwaqt li jħossu "mimli bil-qawwa, bl-ispirtu tal-Mulej", juri d-dnub tal-poplu tiegħu (Mik 3:8). Il-kliem tal-profeta, meta tkellem dwar il-qerda ta' Sijon u ta' Ġerusalemm (Mik 3:9-12), jidher li ħalla impressjoni anke fuq is-Sultan Ħeżekija u n-nies ta' Ġerusalemm baqgħu jixtarru l-messaġġ tiegħu, kif ifakkar mitt sena wara l-ktieb ta' Ġeremija (Ġer 26:18-19).

Min-naħa l-oħra l-Profeta Mikea għandu kliem dwar il-fiduċja f'Alla (Mik 6:8; 7:7). Hu għandu viżjoni (Mik 4:1-3), li nsibuha f'Is 2:2-4 bl-istess kliem, bħala profezija messjanika meta "fl-aħħar jiem" Sijon u Ġerusalemm ikollhom il-glorja u l-ġnus jikkonvertu u jduru lejha (Mik 4:8-10 jirreferi għal bint Sijon). L-aħħar kliem tal-profeta huma assikurazzjoni tal-fedeltà u l-ħniena ta' Alla: "bħalma ħlift lil missirijietna minn żmien il-qedem" (Mik 7:18-20). Dawn il-wegħdiet li huma mtennija fil-bidu tat-Testment il-Ġdid (ara fil-Magnificat f'Lq 1:55, fil-Benedictus f'Lq 1:72-73 u f'Rum 15:8) juru l-konsistenza ta' Alla. Imma l-ktieb poetiku ta' Mikea hu l-aktar magħruf għall-profezija dwar it-twelid ta' Ġesù f'Betlehem, meta Yahweh jirrestawra l-poplu permezz ta' nisel Davidiku ġdid: "Imma int, Betlehem ta' Efrata, ċkejkna fost il-familji ta' Ġuda, minnek għad joħroġli dak li jkun prinċep f'Iżrael; u għandu l-bidu tiegħu mill-qedem sa minn dejjem ta' dejjem. Għalhekk il-Mulej jitlaqhom sa meta teħles dik li hi fl-uġigħ tal-ħlas..." (Mik 5:1-3).

Fir-realizzazzjoni tal-pjan salvifiku, Alla juri l-preferenza lejn dak li hu umli u ma jimxix skont in-normi tagħna. Hu jagħmel bidu ġdid permezz ta' mexxej futur li, bħal David, joħroġ mill-belt umli ta' Betlehem. Fl-istorja tal-Maġi Mattew jikkwota din il-profezija ta' Mikea anke jekk fiha jgħaqqad flimkien Mik 5:1 ma' 2Sam 5:2 ("Int għad tirgħa l-poplu tiegħi u tkun prinċep fuq Iżrael") b'modifikazzjonijiet għat-test tal-Antik Testment, kemm dak Ebrajk u kif ukoll dak Grieg, tas-Settanta (Mt 2:6). Bħat-tliet kwotazzjonijiet l-oħra li nsibu f'Mt 2 mill-Antik Testment, jiġifieri Mt 2:15 (l-Eġittu), Mt 2:18 (Rama) u Mt 2:23 (Nażaret), hawn hu jsemmi wkoll l-isem ta' post

ġeografiku u juri għalhekk kif kien interpretat it-test mil-Lhud, Betlehem bħala l-post tat-twelid tal-Messija, il-belt fejn twieled David bin Jesse (1Sam 16:1) li minnu tnissel Ġesù, teżi mtennija f'Ġw 7:41-42: "Ma tgħidx l-Iskrittura li l-Messija għandu jiġi min-nisel ta' David u minn Betlehem, ir-raħal minn fejn kien David?" Fit-test ta' Mikea l-verb "joħroġ" insibuh ukoll f'Mik 4:2 u tidher il-konnessjoni bejn is-Sultan Messija u l-liġi. Il-Messija, li għandu l-oriġni "mill-qedem, sa minn dejjem ta' dejjem" (Mik 5:1; ara wkoll 4:5,7), hu marbut mal-wegħdiet ta' Alla u jkun mexxej li jirgħa l-merħla tiegħu. Mela Mattew jara, fil-kliem ta' Mikea, lil Betlehem bħala l-post tat-twelid ta' Ġesù tarbija, il-Messija mistenni li miegħu hemm marbuta tradizzjoni Davidika importanti ta' wegħdiet messjaniċi (ara 2Sam 7:8-16; Sl 89:20-38; 132). Il-Profeta Mikea jirreferi wkoll għal omm is-sultan messjaniku meta jgħid "sa meta teħles dik li hi fl-uġigħ tal-ħlas" (Mik 5:2). Din l-omm fil-kuntest tal-interpretazzjoni Kristjana tal-profezija, hija Marija, omm il-Messija, it-tarbija Ġesù (ara wkoll Is 7:14).

# IL-PROFETA ĠEREMIJA

*Mons. Anton Mizzi*

Il-ktieb tal-Profeta Ġeremija (yirm$^{e}$jah), fost l-itwal fil-Bibbja, għandu xeni qawwija li jirriflettu l-intriċċi taż-żminijiet imqallba lejn l-aħħar snin tas-seklu sebgħa u fl-ewwel snin tas-seklu sitta Q.K., dominati mill-waqgħa tal-imperu tal-Assirja u t-tlugħ tal-imperu tal-Babilonja, filwaqt li s-saltna ta' Ġuda tissielet f'dan il-kurrent tal-istorja, id-destin tagħha lejn tmiemha. F'nofs dan it-taqlib għandna l-preżentazzjoni ta' Alla liberu li jbiddel realtà u li jżomm il-patt, u tal-profeta li jbati minħabba l-fedeltà tiegħu. Il-ktieb jiftaħ bis-sejħa ta' Ġeremija, ikkonsagrat sa minn qabel twelidu għall-missjoni tiegħu ta' profeta f'nofs il-poplu ta' Ġuda, fi żmien is-Sultan Ġosija (640-609) madwar is-sena 627-626 Q.K., meta kien għadu żgħażugħ (Ġer 1:6). Imma bħala profeta kellu jkellem anke lill-ġnus li b'xi mod kellhom x'jaqsmu mal-Iżraelin, jiġifieri l-Assirja, l-Eġittu, il-Babilonja u popli oħra viċin, ilkoll pagani (Ġer 1:5). Il-ministeru tiegħu, li dam aktar minn erbgħin sena, kompla fi żmien is-Slaten Ġeħojakim (609-598) u Sedekija (597-586) u anke fi żmien il-ġrajja tal-eżilju fis-sena 586 Q.K. Ġeremija twieled fir-raħal ta' Għanatot madwar 4km 'il bogħod minn Ġerusalemm, fuq in-naħa tal-Grigal. Hu kien minn nisel ta' familja saċerdotali, forsi dixxendent ta' Abjatar, qassis fi żmien David. Il-mod tal-ħajja tiegħu kien ikkaratterizzat ħafna mis-sejħa tiegħu, tant li la kien miżżewweġ u lanqas ma kien jieħu sehem fil-visti jew festi (Ġer 16:1-8). Il-kelma profetika tiegħu kienet toħloq ostilità kbira. L-ewwel li beda kien f'Għanatot fejn qamet reazzjoni qawwija kontrih (Ġer 11:21; 12:6). Imbagħad mar Ġerusalemm fejn kompla l-ħidma tiegħu bil-kelma, b'messaġġi li jinkludu viżjonijiet u parabboli li ma kinux nieqsa minn emozzjonijiet dramatiċi.

Għalkemm il-messaġġi profetiċi ta' Ġeremija, kif insibuhom fil-ktieb tiegħu, m' għandhomx ordni ċara u dan jagħmilha diffiċli biex tifhem il-mod kif inġabru flimkien, imma xorta nistgħu nfasslu l-ħidma tiegħu fi tliet perijodi importanti. L-ewwel żmien tal-ministeru tiegħu kien fi żmien Ġosija, mis-sena tas-sejħa tiegħu 627 Q.K. sar-riforma ta' Ġosija (621 Q.K.) u jkompli sal-mewt tas-sultan (609 Q.K.). Kien

żmien li fih l-imperu tal-Assirja kien qed jitlef il-qawwa u Ġeremija ċanfar lill-mexxejja ta' Ġuda minħabba l-allejanza tagħhom mal-Eġittu kontra l-Assirja. Meta din sfaxxat bil-waqgħa ta' Ninwe fis-sena 612 Q.K. quddiem il-qawwa tal-Babilonja, il-profeta wissa dwar il-periklu ta' invasjoni mit-tramuntana jekk ma jwarrbux mill-idolatrija. Ħafna mill-orakli miġburin f'Ġer 1-6 huma b'insistenza għall-konverzjoni u l-bidla. Anke jekk seta' jħossu mbeżża' minn ta' madwaru, Alla kien għamel minnu "belt fortizza, kolonna tal-ħadid, ħajt tal-bronż" (Ġer 1:18). Ġosija kien qed jaħdem biex jeqred l-apostasija li kienet ġejja minn żmien is-Sultan Manassi (687-642). Ġeremija nsista fuq il-patt u, bħal Ħosegħa qablu, iħares lejh bħala wieħed ta' mħabba bejn Yahweh u Iżrael, issimbolizżata fl-għaqda ta' żwieġ bejn raġel u mara. Bis-sejba tal-Liġi fis-sena 621, Ġosija mexxa riforma reliġjuża fis-saltna li sabet l-appoġġ ta' Ġeremija. It-tieni perijodu kien fi żmien iben Ġosija, Ġeħojakim bejn is-snin 609-598 Q.K. li fetaħ żmien ġdid għal Ġeremija, aktar matur bħala profeta. Ġeħojakim mexxa fl-oppost ta' missieru billi warrab ir-riforma u reġa' daħħal l-idolatrija. Is-sitwazzjoni fis-saltna ta' Ġuda kibret fit-tensjoni politikament, effett tal-ġrajjiet li kienu qed iseħħu fuq skala internazzjonali. Dawk li kienu jappoġġjaw l-Eġittu fis-saltna ta' Ġuda kienu ħadu s-setgħa. Bir-rebħa ta' Babilonja fuq l-Eġittu fil-battalja ta' Karkemis fis-sena 605 Q.K., it-theddida ta' gwerra saret aktar imminenti. Minkejja t-twissijiet ċari ta' Ġeremija, Ġeħojakim ma biddel xejn mill-ħsibijiet tiegħu kemm fil-ħwejjeġ reliġjużi u kemm f'dawk ta' pajjiżu. Konsegwentement il-profeta kellu jgħaddi minn tbatija u persekuzzjoni qawwija li wasslitu biex jesprimi f'poeżiji liriċi (Ġer 11-20) il-krizi interjuri li ħass dwar il-missjoni tiegħu u saħansitra lejn Alla: "Qarraqtni Mulej, u jien tqarraqt" (Ġer 20:1). Din kienet karba ta' qalb muġugħa li, kontra qalbu imma b'ubbidjenza lejn Alla, ma setax iżomm l-aħbar tal-gwaj li kien riesaq fuq il-poplu. Iżda l-profeta jibqa' jittama bis-sħiħ f'Alla (Ġer 20:11). L-aħħar perijodu tal-ministeru ta' Ġeremija seħħ fi żmien Sedekija (597-587) u anke fis-snin ta' wara sas-sena 582 Q.K. Wara l-ewwel waqgħa ta' Ġerusalemm (597 Q.K.) il-Babiloniżi poġġew lil Sedekija bħala sultan ta' Ġuda. Imma dan kien dgħajjef biex imexxi f'sitwazzjoni diffiċli fejn il-fazzjonijiet kienu qed jimbuttaw lil Ġuda lejn il-qerda tagħha. Ġeremija daħal sew f'din il-krizi tal-pajjiż u wissa' lis-sultan biex ma jirribellax kontra l-Babilonja (Ġer 27:12-15). Meta faqqgħet ir-ribelljoni, Sedekija baqa' jħares lil

Ġeremija li kien mitfugħ fil-ħabs (Ġer 37:11-16) minn idejn l-prinċipijiet li riedu joqtluh. Fis-sena 587 Q.K. Ġerusalemm waqgħet għat-tieni darba, it-tempju kien meqrud u Sedekija, flimkien ma' ħafna nies oħra, spiċċa fl-eżilju. Ġeremija baqa' jgħix f'Ġuda, imma wara l-qtil ta' Gedalija l-gvernatur, in-nies ħarbu lejn l-Eġittu u ħadu magħhom lil Ġeremija kontra qalbu (Ġer 43-45).

Il-ħajja profetika ta' Ġeremija kienet waħda drammatika kkaratterizzata minn persekuzzjoni ħarxa u tnassis kontrih minħabba l-kliem ta' kundanna u ta' kastig li kien iħabbar f'isem Yahweh lill-poplu mħassar u mehdi fl-idolatrija u l-infedeltà u stinat lejn il-kelma profetika. Imma Ġeremija baqa' jittama f'Alla. Hu jara żmien ta' saltna messjanika b'sultan mir-rimja Davidika li jġib il-barkiet tal-patt (Ġer 23:1-8). Għandu kliem anke ta' konsolazzjoni msejsa fuq restawrazzjoni (Ġer 30-31) bil-qofol jintlaħaq fil-viżjoni tal-oraklu profond dwar żmien ta' "patt ġdid" – espressjoni li hija użata l-unika darba fit-Testment l-Antik (Ġer 31:31-34) – u li jkun "għal dejjem" (Ġer 32:40), meta Alla jġedded il-patt, li b'differenza mill-patt il-qadim tas-Sinaj li kien miktub fuq twavel tal-ġebel (Eż 31:18), ikun, fil-ħsieb krejattiv ta' Ġeremija, imnaqqax fil-qalb u msaħħaħ mill-ispirtu ta' Alla. Din l-idea tipproponi mod ta' għaqda mill-qrib ma' Alla li hi bla parallel fl-Antik Testment. Din il-viżjoni kellha influss qawwi fl-interpretazzjoni Kristjana dwar Ġesù li, bis-sagrifiċċju tiegħu, issiġilla dan "il-patt il-ġdid demmi" (Lq 22:20; 1Kor 11:25; Mt 26:28; Mk 14:24; Lh 8:8-12 b'itwal kwotazzjoni mill-Antik Testment li nsibu fit-Testment il-Ġdid). Minn din is-sezzjoni tar-restawrazzjoni għandna l-itwal kwotazzjoni li nsibu fil-Vanġelu tal-infanzja ta' Mattew li toqrob aktar lejn it-test fl-Ebrajk, fil-ġrajja tal-tqil tat-trabi innoċenti f'Betlehem wara t-tluq tal-Maġi (Mt 2:18), li jirreferi għaliha bħala profezija ta' Ġeremija: "Instama' leħen f'Rama, ilfiq u biki kollu mrar, Rakel titbekka għal uliedha, ma tridx taf b'sabar, għax iżjed mhumiex" (Ġer 31:15). Rama hu raħal xi 8 km 'il bogħod minn Ġerusalemm, fit-tramuntana tagħha, fejn mhux bogħod minnha, forsi qrib Betel fit-territorju ta' Benjamin, kien hemm midfuna Rakel (1Sam 10:2), mart Ġakobb u omm Benjamin u Ġużeppi. Hu l-post fejn kienu miżmumim l-eżiljati mill-Babiloniżi, fosthom Ġeremija li mbagħad ġie meħlus minnhom (Ġer 40:1). Ġeremija jara lil Rakel qiegħda tibki lil uliedha li sejrin fl-eżilju, imma Alla jagħtiha l-

messaġġ ta' ferħ u tama biex ma tibqax tibki għax uliedha għad jerġgħu lura minn pajjiż il-għadu (Ġer 31:16-17). Mattew, min-naħa l-oħra, billi mexa fuq tradizzjoni li torbot mal-mewt u d-difna ta' Rakel "fit-triq ta' Efrata, li hi Betlehem" (Ġen 35:19; 48:7) fejn kien jgħix Ġesse missier David (1Sam 17:12), jara fil-kliem ta' Ġeremija l-biki ta' Rakel minħabba l-qtil tat-tfal, uliedha ta' Betlehem, li rrefera għaliha aktar qabel fil-profezija ta' Mik 5:1 (Mt 2:6). Betlehem, il-belt ta' David, hi l-post tat-twelid ta' Ġesù tarbija u ta' dawn it-trabi innoċenti li nqatlu mill-id kiefra ta' Erodi (Mt 2:16).

# IL-PROFETA HOSEGĦA

*Mons. Anton Mizzi*

Il-Profeta Hosegħa għandu l-ktieb li normalment jitqiegħed l-ewwel wieħed fost it-tnax-il profeta ż-żgħar. Ftit nafu dwaru, forsi aktar dwar il-messaġġ tiegħu fil-kuntest tas-sitwazzjoni kurrenti fi żmienu. L-isem tiegħu 'hose'a' jfisser Alla jsalva. Kien iben Beri, u kif jindika fil-bidu ta' kitbietu, il-ħidma tiegħu twettqet lejn l-aħħar snin ta' Iżrael, is-saltna ta' fuq (Ħos 1:1). Hu jsemmi erba' s-slaten ta' Ġuda, is-saltna t'isfel, l-ewwel fosthom Għużżija (783-742 Q.K.) u lil Ġerobogħam (786-746 Q.K.) tas-saltna ta' Iżrael, it-tnejn kontemporanji. Ftit qabel Hosegħa, Amos, li kien minn Ġuda u l-ewwel profeta kittieb, wettaq ħidmietu fis-Saltna ta' Fuq, filwaqt li Isaija u Mikea pprofetizzaw f'Ġuda. Hosegħa, li kien profeta mis-saltna ta' fuq u ħidmietu seħħet kollha kemm hi hemmhekk, kien uniku fost il-profeti kittieba bħala rappreżentant esklussiv tal-mentalità tas-saltna ta' fuq. Għalkemm hu diffiċli biex tiddetermina data preċiża għall-bidu tal-ħidma tiegħu, l-orakli tiegħu probabilment bdew lejn l-aħħar snin ta' Ġerobogħam, forsi lejn is-sena 745 jew l-aktar 750 Q.K. u komplew sa tmiem is-Saltna ta' Fuq fis-sena 721 Q.K. Il-ħajja soċjali u reliġjuża tas-saltniet ta' Iżrael u Ġuda fis-seklu VIII Q.K. kienu kkaratterizzati minn ħamsin sena tal-aqwa prosperità ekonomika u ta' paċi sa minn żmien Salamun, fi żmien Ġerobogħam u Għużżija rispettivament. Dan kien ġej mill-fatt li l-imperu tal-Assirja wara s-sena 800 Q.K. kien naqqas mill-qawwa tiegħu minħabba għedewwa qrib tiegħu u bit-tmexxija ta' sensiela ta' slaten dgħajfa li għalhekk ippermetta ċertu qawmien fil-kummerċ, bini ta' bliet, żieda ta' nies għonja u estensjoni fit-territorju. Iżda mal-mewt ta' Ġerobogħam, u ftit wara ta' Għużżija, is-sitwazzjoni internazzjonali tbiddlet bit-tlugħ ta' Tiglath-Pileser III (745-727 Q.K.) fuq it-tron tal-Assirja li inawgura l-aħħar u l-ikbar espansjoni tagħha u li mbagħad tkompliet mis-suċċessuri tiegħu. Dan wassal għall-pressjoni fuq l-istati tal-Punent, is-Sirja, Iżrael u Ġuda li kienu kostretti li jħallsu t-tribut. Din kienet il-qagħda tas-saltna ta' Iżrael għall-profeti, l-ewwel Amos imbagħad Hosegħa, biex iwasslu l-messaġġ tagħhom minkejja d-diffikultjiet taż-żmien. Barra minn hekk, Hosegħa kellu quddiemu s-sitwazzjoni mqallba f'pajjiżu wara l-mewt ta' Ġerobogħam li tħassret b'sensiela ta'

rewwixti, ġlied intern bejn gruppi opposti, min favur u min kontra r-relazzjonijiet mal-Assirja, assassinji u tibdil fid-dinastiji, tant li saltnu sitt slaten f'Iżrael fi żmien għoxrin sena sat-tmiem definitiv tas-saltna bil-waqgħa tas-Samarija fis-sena 721 Q.K., meta eventwalment il-poplu ġie deportat mill-Assiri fost ġnus oħra.

Il-messaġġ profetiku ta' Hosegħa għandu temi komuni mal-profeti l-oħra klassiċi bl-użu ta' kliem u azzjonijiet simboliċi, bi preferenza għall-għamla ta' ġudizzju (rib) fl-orakli tiegħu. F'Hos 1-3 għandna rakkont elaborat teoloġikament tas-sitwazzjoni personali f'ħajtu, anke jekk b'diskussjoni dwar jekk din hijiex storja reali jew allegorija dwar ir-relazzjonijiet bejn Yahweh u Iżrael u kif id-dnub jaffettwa din ir-relazzjoni. Għalkemm kull ipotesi hi possibbli imma jidher diffiċli biex tammetti li l-profeta juża tixbiha taż-żwieġ biex iwassal rivelazzjoni mogħtija lilu minn Yahweh mingħajr ma hu stess għadda minn din l-esperjenza iebsa. Il-profeta kien ordnat li jieħu b'martu lil Gomer il-prostituta, u minkejja li kienet infidila, hu baqa' jħobbha. B'hekk ħajtu ssir xbieha tar-relazzjoni skont il-patt bejn Yahweh u Iżrael. Fl-għoti ta' ismijiet simboliċi lit-tliet uliedu, Alla jwissi lill-poplu bil-kastig minħabba d-dnubiet ta' Iżrael "għax m'hemmx fedeltà u lanqas tjieba; m'hemmx għarfien ta' Alla fuq l-art" (Hos 4:1) li jwassal għalhekk għall-imġiba bi ksur tal-kmandamenti (Hos 4:2; 10:13), għas-serħan żejjed fuq is-sagrifiċċji kultwali (Hos 8:13), fuq l-għana u l-qawwa militari (Hos 10:13) tagħhom. Ma jonqosx li, bħal Amos, iċanfar l-inġustizzi u l-oppressjoni tal-fqir (Hos 5:10; 10:4). Għandu kliem iebes minħabba l-ġlied, l-irresponsabbiltà tal-mexxejja u s-slaten ta' Iżrael u l-komplotti li jwasslu għal taqlib kontinwu fil-pajjiż. Hosegħa jaf ukoll li l-monarkija tas-saltna ta' fuq ikkawzat il-firda minn Ġuda u mid-dinastija Davidika leġittima. Quddiem it-taħwid politiku u l-anarkija fis-snin ta' qabel l-għabex ta' Israel, fl-aħħar mill-aħħar dan kellu l-għeruq fl-akbar preokkupazzjoni ta' Hosegħa: l-idolatrija, il-kult Kangħanew li jqim lil Bagħal, alla tal-fertilità (Hos 2:15). Jista' jkun ukoll li fil-ħsieb tal-profeta hija implikata anke ċ-ċiviltà Kangħanea. Kemm meta hu qed jirreferi għall-qima lil Bagħal u kemm jekk fil-qima lil Yahweh hemm imdaħħla riti tal-kult ta' Bagħal, Iżrael kien qed jaqa' f'perversjoni li tmur kontra il-patt li Alla għamel mal-poplu fejn hi mitluba l-fedeltà. Din l-infedeltà li tmur kontra l-ispirtu u t-tifsira vera tal-patt, hija mqabbla

maż-żina jew żwieġ imfarrak, u minbarra li dan jammonta għall-apostasija spiritwali, ħafna drabi l-istess kult ta' Bagħal kien jikkonsisti f'abbużi żienja (Hos 4:14; 5:4; 6:10) jew festi li jispiċċaw f'orġja sesswali (Hos 9:1). Minkejja t-twissijiet tal-profeta, huma jistħoqqilhom il-kastig minħabba d-dnub tagħhom. Iżda l-profeta għandu tama lejn il-ġejjieni u jtenni li Iżrael jista' jerġa' jsib lil Yahweh f'ħajja aktar sempliċi u jfakkru fl-istorja tal-imgħoddi meta Alla ħelsu mill-iskjavitù tal-Eġittu u għamel minnu poplu bi żmien sabiħ fid-deżert ta' għerusija ma' Alla u 'l bogħod mill-idolatrija. (Hos 2:16-17). Għax Alla jibqa' jħobb lill-poplu tiegħu, lest li jaħfrilhom u juri kompassjoni magħhom: "Daret għalija qalbi, tqanqlet bil-bosta ħnienti" (Hos 11:8-11). Din it-tradizzjoni mibdija minn Hosegħa li tħares lejn ir-relazzjoni bejn Yahweh u Iżrael f'viżjoni maritali kompliet aktar tard fl-Antik Testment u fil-Ġdid Testment minn Ġwanni u Pawlu għal Kristu u l-Knisja.

Jekk in-nies ta' Iżrael, wara t-tmiem tas-saltna spiċċaw tturrufnati minn pajjiżhom, però Hosegħa jara futur ta' patt ġdid, aktar espliċitu f'Ġer 31:31-34, f'kuntest ta' għerusija msejjes "fis-sewwa u l-ħaqq, fl-imħabba u l-ħniena" (Hos 2:21). Iżrael ġdid u magħqud, kotran bħar-ramel tal-baħar (Hos 2:1) u mmexxi minn sultan messjaniku minn nisel David (Hos 3:5; ara Ġer 23:5; Eżek 34:23-24), isib rikonċiljazzjoni perfetta fl-imħabba, mibdija fl-inkarnazzjoni. L-imħabba li Yahweh kellu lejn Iżrael fit-tfulija tiegħu, espressa ħafna drabi f'termini maritali (Hos 1-3), hi mqabbla mal-imħabba tal-Missier lejn l-iben: "Meta kien tfajjel Iżrael ħabbejtu, u mill-Eġittu sejjaħt lil ibni" (Hos 11:1; f'3:1 u hawnhekk għandna l-istess verb, 'ahab': 'tħobb'). Hosegħa, bħal ħafna profeti oħra, jara fi żmien Mosè u l-Eżodu l-bidu ta' Iżrael. L-insistenza tal-profeta fil-kuntest tal-ġlieda tiegħu kontra l-idolatrija, hija li Iżrael li hu tant marbut mal-ġrajja tal-Eżodu, hu aktar iben Yahweh milli ta' Bagħal. Mattew japplika dan it-test tal-profeta għar-ritorn ta' Ġesù tarbija mill-Eġittu meta kien għadu qed jirrakkonta il-ħarba lejn l-Eġittu (Mat 2:15). Forsi ried li r-riferenza għall-Eżodu (Eġittu) tippreċedi dik lejn l-eżilju (ara Ġer 31:15 f'Mt 2:17-18) fl-istess sekwenza fl-istorja tal-poplu Lhudi. It-test Ebrajk ta' Hosegħa jitkellem dwar "ibni" ($b^e$ni) b'riferenza għal Iżrael kollettiv filwaqt li l-Grieg tas-Settanta għandu l-plural "uliedu" (tekna) peress li l-profeta, fil-vrus ta' wara, jitkellem dwar l-Iżraelin bħala "huma". Mattew

segwa t-test Ebrajk fis-singular biex jagħmel emfasi għall-ħsieb teoloġiku fil-Vanġelu tiegħu biex jitkellem dwar Ġesù f'sens assolut bħala Iben ta' Alla (juża "Iben": Mt 3:17; 17:5; u "Iben ta' Alla": Mt 4:3, 6; 26:63; 8:29; 14:33; 27:40, 54). Kristu identifkat ma' Iżrael, iwettaq it-tamiet imħabbra lilu u bħala Iben, jista' jikseb is-salvazzjoni lil min qed fil-jasar, bħalma kien Iżrael fl-Eġittu. Bir-ritorn tal-Iben mill-Eġittu, Alla jnawgura żmien  ta' Eżodu ġdid li fih titkattar ħajja ġdida.

## IL-PROFETA ISAIJA

*Mons. Anton Mizzi*

Il-Profeta Isaija għex fi żmien ta' attività profetika intensa, fit-tieni nofs tas-seklu tmienja Q.K., ikkawżata minn sitwazzjoni ta' kriżi interna u esterna. Isaija huwa wieħed mill-profeti kittieba klassiċi, kontemporanju ta' Mikea fis-Saltna ta' Ġuda, filwaqt li fis-Saltna ta' Iżrael kien hemm l-ewwel Amos u dritt warajh Hosegħa. Għalkemm ma jirreferux għal xulxin espliċitament, però jidher li kienu jixxiebhu fid-diskorsi tagħhom, b'mod li fformaw tradizzjoni profetika li tipprotesta kontra l-ħajja soċjali, politika u reliġjuża kif kienet fis-żewġ saltniet. Isaija ('y$^{e}$sa'yahu') li jfisser Yahweh hu salvazzjoni jew Alla jsalva, hu l-isem tal-itwal ktieb profetiku fil-Bibbja li tiegħu għandna żewġ manuskritti kważi kompleti tat-tieni seklu Q.K., misjuba fl-1947 fl-għerien qrib il-Baħar il-Mejjet. Hu l-aktar għani fil-ħsieb profetiku u l-istorja tiegħu testendi għal diversi sekli, sa wara l-eżilju, kważi lejn tmiem is-sitt seklu Q.K. L-ewwel parti tal-ktieb (kap 1-39) għandha oriġni fi żmien il-profeta, imma kap 40-66 (Dewtero-Isaija) huma miktubin aktar tard. Kap 40-55, fuq livell storiku u dottrinali, jirriflettu żmien lejn tmiem l-eżilju fil-Babilonja, tant li jissemma s-Sultan Ċiru (550-540 Q.K.) li waqqaf l-imperu Persjan, filwaqt li kap 56-66 (Trito-Isaija) jirrifletti, almenu f'parti mill-kitba, is-snin kibrin ta' wara l-eżilju. Isaija bin Amos kien jgħix f'Ġerusalemm u s-sejħa tiegħu ta' profeta minn Alla ġrat waqt viżjoni li kellu fit-tempju, "fis-sena li fiha miet is-Sultan Għużżija" (Is 6:1-13), jiġifieri fis-sena 742 Q.K., u l-ħidma tiegħu kompliet fi żmien is-slaten ta' Ġuda, Ġotam (742-735), Aħaż (735-715) u Ħeżekija (715-687), imma sas-sena 701 (Is 1:1). Hu kien miżżewweġ u kellu żewġt itfal b'ismijiet simboliċi assoċjati ma' diskorsi profetiċi (Is 8:18), Sijarjasub, li jfisser il-fdal jerġa lura (Is 7:3) u Maħer-salal-ħas-baż, li jfisser 'għaġġel il-buttin, aħtaf il-priża' (Is 8:3). Jidher li kellu aċċess dirett għall-palazz tas-sultan (Is 7:1s) u kien kunsillier tiegħu (Is 37:1s) u hu stess seta' kien ġej minn familja nobbli.

Mill-orakli li nsibu fl-ewwel parti tal-ktieb, hemm indikazzjonijiet qawwija li l-profeta, fost il-ħafna kriżijiet li għadda minnhom, kellu quddiemu żewġ kriżijiet politiċi li jikkonċernaw direttament is-saltna ta' Ġuda. Fi żmienu seħħet il-waqgħa tas-

Samarija fis-sena 721 Q.K. u magħha sfaxxat is-saltna ta' fuq. Snin qabel din il-ġrajja, fis-sena 735 Q.K., Ġuda kellha tħabbat wiċċha ma' koalizzjoni bejn is-sultan tas-Sirja u Ħosegħa, is-sultan ta' Iżrael, bl-appoġġ anke tal-Eġittu, li riduha tissieħeb magħhom f'ribelljoni kontra l-ħakma tal-Assirja li kienet reġgħet refgħet rasha taħt Tiglath-Pileser III. Aħaż ma riedx u għalhekk dawn iddeċiedew li l-ewwel jaħbtu għal Ġuda. Imma s-Sultan Aħaż, kontra t-twissijiet tal-Profeta Isaija, f'mument iddisprat imma fl-istess ħin traġiku, ħa d-deċiżjoni li fittex l-għajnuna tal-Assirja, pajjiż pagan, minflok ta' Alla. L-Assirja rebħet lil Iżrael (733) u lis-Sirja (732), imma Ġuda spiċċat vassal tagħha, imġiegħla tħallas tribut bi prezz għoli annwalment u twiegħed lealtà lejn is-sultan Assirjan (Is 7:1-11:16; ara 2Slat 16:7-10). It-tieni ġrajja kienet fi żmien Ħeżekija, iben Aħaż. Fis-sena 714, l-Eġittu kien ħajjar lil Ġuda u lil oħrajn biex jirribellaw kontra l-Assirja. Imma l-Profeta kien kontra dawn l-allejanzi politiċi, meta l-Eġittu fl-azzjonijiet tiegħu qiegħed juri "qerq" u l-għajnuna tiegħu kienet "fiergħa u vojta" (Is 30:1-18). Mal-mewt ta' Sargon II tal-Assirja fis-sena 705 Q.K., Ħeżekija kiser il-ftehim ta' missieru u, flimkien ma' stati oħra żgħar, irribella bil-wegħda ta' għajnuna mill-Eġittu. Sanħerib, iben Sargon, laħaq sultan, u wara li ġab kontroll f'pajjiżu, fis-sena 701 tfaċċa fil-Palestina, ħarbat kull belt ta' Ġuda u assedja lil Ġerusalemm. Ġerusalemm ma waqgħetx għax Sargon kellu jitlaq lura wara li ħafna min-nies fil-kamp tiegħu kienu mietu. It-talb tas-Sultan Ħeżekija u l-profezija ta' Isaija kkonvinċew lill-poplu ta' Ġuda li Yahweh iħobb u jħares lil Ġerusalemm u t-tempju tagħha. Imma Ħeżekija kellu jħallas somma kbira ta' flus biex iżomm it-tron tiegħu (Is 36-37; ara 2Slat 18:13-19:37). Wara din il-ġrajja jidher li l-ministeru ta' Isaija ġie fit-tmiem tiegħu.

Bħala opra fl-unità tagħha, il-ktieb ta' Isaija huwa meqjus bħala l-aqwa fost il-profeti minħabba sensiela twila ta' viżjonijiet u orakli, bit-taħdim ta' ħafna ġeneri letterarji, kif ukoll minħabba siltiet storiċi b'uħud minnhom b'kontenut biografiku. Fil-kitba tiegħu Isaija jesprimi l-esperjenza ta' niket, kompassjoni u fiduċja minħabba tiġrib tal-poplu li xi drabi jaqa' taħt il-ġudizzju u l-kastig ta' Alla waqt li drabi oħra jsib l-għajnuna u l-ħelsien tiegħu. Fil-viżjoni inawgurali tiegħu fit-tempju ta' Ġerusalemm, Isaija kien konvint mill-qdusija ta' Alla u tal-qawwa regali tiegħu (Is 6:1-13). Alla hu

muri bħala l-qaddis assolut, fuq kollox u fuq kulħadd. Spiss Alla huwa msejjaħ "il-Qaddis ta' Iżrael" (Is 10:20), it-titlu favorit tiegħu li ma tantx insibuh f'kotba oħra, u li l-glorja tiegħu mhijiex limitata għal Ġerusalemm biss, imma "l-art kollha mimlija bil-glorja tiegħu" (Is 6:3). Dan il-kunċett għoli ta' qdusija wassal lill-Profeta biex jikkundanna l-idolatrija li biha warrbu lil Yahweh (Is 1:4) u l-liġi tiegħu (Is 5:24). Mhux anqas minn Amos u Hosegħa, huwa għandu kliem iebes bil-bosta għall-inġustizzja soċjali u l-oppressjoni tal-foqra li tmur kontra l-qdusija ta' Alla (Is 3:14-15; 10:1-4). Quddiem dan il-ħażen li hu kuntrarju għall-qdusija ta' Alla, is-saġrifiċċji, l-offerti u ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi huma mistmerra (Is 1:11-14). Alla jwarrab għajnejh minħabba l-ħażen (Is 1:15) u juri l-għadab tiegħu għalih (Is 9:7s). Il-pjanijiet ta' Alla, li fihom "għeġubijiet mill-aktar kbar", huma differenti mill-ħsibijiet tal-bniedem li għalhekk ma jifhimhomx għax jisbqu l-għerf tiegħu (Is 29:14). Huwa Alla li għandu r-riedni fil-mixja tal-ġrajjiet u jġibhom fi tmiemhom, u bl-ebda mod ma jistgħu jiġu mħarbta mill-bniedem. Iżda meta l-bniedem ifassal pjan mingħajr Alla, dan ma jseħħlux (Is 8:10; 30:1). Quddiem il-pjan u l-ħidma ta' Alla, il-fidi hija l-unika tweġiba tal-bniedem li tgħinu jibqa' jżomm sħiħ (Is 7:9; 28:16) u ma jserraħx fuq il-ħila tiegħu biss. L-antitesi tal-fidi hija l-kburija (Is 2:11-12,17; 3:16; 5:15-16; 9:8-9) li ġġiegħel lill-bniedem jemmen fih innifsu biss u li jista' jsib is-salvazzjoni bil-mezzi umani u dan iġib ġudizzju kontrieh. Dan hu rifless fit-tentattivi tal-Profeta meta, fil-krizijiet nazzjonali fi żmien Aħaż u Ħeżekija, hu pprova jressaq lil Ġuda biex tħares b'fiduċja lejn il-qawwa ta' Alla aktar milli fl-intriċċi tal-qawwiet barranin pagani tal-Assirja u tal-Eġittu (Is 7-9; 30:1-3; 31:1-3). Din il-kburija hija murija fl-għana, fis-saħħa militari u fl-idolatrija (Is 2:7-8). Il-pjan ta' Alla jista' jwassal għall-ġudizzju u l-kastig jew għas-salvazzjoni. Dan jiddependi mir-respons tal-bniedem. Il-Profeta jara l-ħsieb ta' Alla li jikkastiga l-ħżiena minħabba d-dnub tagħhom (Is 2:6s; 3:1-4:1; 5:8-24; 9:7-20; 10:16s). Dan jiġri mhux għax Alla jobgħod lill-bnedmin jew għax iwarrab il-patt tiegħu minn magħhom, imma "Alla l-Qaddis jitqaddes bil-ġustizzja" (Is 5:16). Imma Isaija għandu wkoll tama f'restawrazzjoni li twassal għas-salvazzjoni, kelma li jużaha ħafna aktar drabi mill-profeti l-oħra (Is 1:21-26; 4:3-4). Mingħajr ma jagħmel riferenza għat-tradizzjoni tal-Eżodu li fiha kellhom sehem qawwi Mosè u l-patt tas-Sinaj u li kienet ta' ispirazzjoni għall-profeti tat-tramuntana

bħal Hosegħa, bħala bniedem li kien jgħix Ġerusalemm fejn kien hemm il-familja rjali ta' David, hu jaraha bħala marbuta aktar mat-tradizzjoni ta' Ġerusalemm li tħares lejn Sijon (Is 2:2-4) u l-fdal żgħir (Is 6:13; 10:22; 11:11,16; 28:5), u li fiha jingħata importanza l-għerq min-nisel David skont il-wegħdiet mogħtija lilu (Is 9:1s; 11:1s; ara 2Sam 7; Sl 89; 132). Il-liturġija tat-tempju kienet tiċċelebra l-wegħdiet ta' Yahweh lid-dar ta' David fit-talb u fis-salmi u tgħolli lil Sijon bħala l-post fejn jgħammar Yahweh, Alla ta' Iżrael (ara Sl 46, 47 u 48). Minkejja li s-slaten mhux dejjem obdew u l-poplu naqas mill-fiduċja fil-preżenza ta' Alla (Is 30:15), il-Profeta juri li Alla ma jabbandunax id-dar ta' David, kif muri fil-profeziji tal-Emmanuel (Is 7-11). L-ewwel għandna s-sinjal ta' Emmanuel (Is 7:10-17; 8:8) mogħti wara li Aħaż irrifjuta li jitlob sinjal li juri l-qawwa ta' Alla biex isalva lill-poplu. Imma s-sultan kellu aktar fiduċja fis-saħħa tal-Assirja milli f'Alla. F'Is 8:23 - 9:1-6, Isaija jiddeskrivi lill-Emmanuel, "tweldilna tifel, ngħatalna iben", li bħala prinċep tal-paċi, werriet ta' David, il-miġja tiegħu ġġib il-ħelsien. Jekk Ħeżekija iben Aħaż ma laħaqx dawn l-aspettazzjonijiet, il-Profeta jħares lejn tamiet fil-futur 'il bogħod, ta' saltna minn nisel Ġesse, missier David, f'tixbiha tal-friegħi (Is 11:1-9). Jekk id-dinastija ta' David titqaċċat bħal siġra, iżda minn għeruqha toħroġ "fergħa" jew "rimja", li tirreferi għall-Messija, mogħni b'doni biex iwettaq il-missjoni tiegħu ħalli jġib saltna ta' paċi universali deskritta f'termini metaforiċi.

Isaija jissejjaħ il-Profeta Messjaniku fis-sens li tkellem dwar il-Messija aktar minn kull profeta ieħor tal-Antik Testment. Infatti nsibu madwar 54 kwotazzjoni minn Isaija fit-Testment il-Ġdid. Ewlenija fosthom hija l-kwotazzjoni ta' Is 7:14 li nsibu f'Mt 2:22-23 fil-rakkont tat-twelid ta' Ġesù Kristu: "Ara, ix-xebba tnissel u jkollha iben u jsemmuh Għimmanu-El". Dan it-test insibuh ikkwotat spiss fil-letterartura Kristjana, ibda minn Ġustinu (Dial. 43:8; 67:1; Apol. 1:33) f'nofs it-tieni seklu, u qajjem ħafna diskussjoni fost l-istudjużi matul is-sekli. Fit-test Ebrajk Isaija għandu 'ha-almah' li tfisser il-mara, kelma użata biex tindika waħda żagħżugħa fl-età, xebba, li waslet fl-età taż-żwieġ, b'użu ġenerali li jimplika li mhix miżżewġa (il-kelma ekwivalenti fil-Grieg hi 'neanis' li tfisser mara żgħażugħa, xbejba (ara Eż 2:8)), imma li ma tfissirx verġni, li għaliha l-Ebrajk għandu l-kelma 'b$^{e}$tulah'. Infatti ħafna interpreti Lhud ma

kinux jaċċettaw interpretazzjoni messjanika ta' dan it-test. Fil-kuntest tal-istorja tas-Sultan Aħaż, li kien fi gwerra mas-Sirja, u Efrajm (Iżrael), din tirreferi għal xi ħadd magħruf għalih u għal Isaija, u s-sinjal urġenti mogħti mill-istess Profeta jikkonsisti fi twelid imminenti ta' tarbija kkonċeputa b'mod naturali u ta' nisel Davidiku (2Sam 7:12-16), li timmanifesta l-kontinwazzjoni tal-preżenza ta' Alla fost il-poplu tiegħu u li ssalvah, 'Għimmanu-el', Alla magħna. Mattew mexa fuq il-verżjoni Griega tas-Settanta, li għall-mara żgħażugħa, xbejba, fit-test ta' Is 7:14, bl-għażla tat-terminu 'parthenos', deliberament fehmitha bħala 'verġni'. Il-kelma 'parthenos' tfisser verġni (Lat. 'virgo), kif fil-fatt hi użata fil-parti l-kbira tagħha fis-Settanta (anke jekk fl-użu sekulari nsibu eżempji ta' nisa li ma kinux verġni). Hu probbabli li dan it-test kien inkluż, fost ħafna oħrajn mill-Antik Testment, fi ktieb li l-Insara kienu jużaw fir-riflessjoni tagħhom biex jitkellmu dwar il-Messija. Meta jikkwota t-test ta' Isaija, Mattew irid juri l-ewwel nett li, bl-inkarnazzjoni ta' Ġesù permezz ta' verġni, Alla jwettaq il-pjan divin rivelat fl-Iskrittura (Mt 1:22) kemm jekk bil-koperazzjoni tal-bnedmin u anke jekk mingħajrha, u dawk li jaċċettaw l-awtorità tagħha, ma jiddubitawx dak li twiegħed. Hu jarah wkoll, fuq il-linja ta' Isaija, bħala tħabbira ta' twelid ta' tarbija ta' nisel Davidiku li permezz ta' Ġesù, id-dinastija ta' David tilħaq il-quċċata tagħha ladarba hu n-nisel per eċċellenza li jikseb is-salvazzjoni mtennija lilha ħafna drabi. Mattew, taħt ispirazzjoni divina, filwaqt li juri t-twemmin tiegħu fil-konċepiment verġinali li bih Marija nisslet u welldet lill-iben tagħha Ġesù (Mt 1:18-20), bit-test ta' Is 7:14 jafferma li l-profezija ta' Isaija seħħet f'dan il-konċepiment (ara LG 55 fejn il-Konċilju Vat II jikkwota it-testi ta' Is 7:14 u Mt 1:22-23 b'sens Marjan). Fl-aħħar nett l-isem "Għimmanu-el" jirrifletti l-formula klassika tal-patt iżda b'forma mqassra li trid tesprimi, b'ħarsa kristoloġika, il-preżenza ta' Alla permezz ta' Ġesù, iben regali, liema preżenza Mattew ikompli jalludi għaliha b'qawwa fi tmiem tal-Vanġelu tiegħu biex jifforma *inclusio* għall-ġrajjiet kollha deskritti bejn iż-żewġ 'Għimmanu-el' bħala twettiq tal-profezija ta' Isaija (Mt 28:20).